KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida**

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 15

**It-Tlieta 27 ta' Mejju 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

## 15.1 Qari tal-Apoloġiji

15.1.1 Is-Sindku beda l-laqgħa billi fakkar li kien għadu kif ħalla din id-dinja l-President tal-Klabb tal-futbol, is-Sur Robert Farrugia, u għaldaqstant kien hemm qbil li ssir minuta silenzju għal ruħu.

15.1.2 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Baldacchino Cefai.

15.1.3 Minħabba li kien hemm jattendi s-Sur Ryan Cefai Mercieca, il-Liaison Officer tal-proġett tal-Imsida Creek, il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex jisma' l-aħħar updates. Kopja tal-minuti tinsab f'Anness 1.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 14

15.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 14, li kienu meqjusa moqrija.

15.2.2 Il-Kunsillier Agius ġibed l-attenzjoni li f'para. 14.8.2, l-isem għandu jaqra Rafel u mhux Robert. Kien hemm qbil li għandha ssir emenda.

15.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 14 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 15.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-SE infurmat li dwar para. 14.3.14, il-kuntrattur kien bagħat *email* biex jispjega x'ġara dwar il-pompi tal-Għajn tal-Ħasselin. Jidher li l-kumpanija li ssupplixxiet il-pompi kienet qed tikkonferma li hemm xi melħ fl-ilma u għaldaqstant issuġġeriet tip ta' pompa differenti. Prezz ta' €225 each. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lil IM biex jiġi vverifikat hux se jwasslu l-proġett sal-ġibjun qabel jinxtraw pompi ġodda biex nivverifikaw jekk hux se tissolva l-problema bl-intervent tagħhom. Kien hemm qbil ukoll li għandha twieġeb lill-kuntrattur biex issaqsih għaliex mexxa bl-ordni tal-installazzjoni ladarba ma qabilx li għandhom jiġu installati. Fir-rigward tal-kumment tiegħu dwar il-garanzija, il-Kunsill qabel li kien fl-obbligu tiegħu li jżomm magħha.

15.3.2 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 14.3.34, kienet għaddiet kopja ta' pjanta ta' Triq is-Sarġ li għaddewlha l-Periti ta' IM. Wara diskussjoni kien hemm qbil li m'hemmx oġġezzjoni għall-ftuħ tat-triq però ġie ssuġġerit *traffic management* differenti għaliex Triq Santa Venera tidher li qegħda fuq bażi two-way. Il-Kunsill qabel li għandha tibqa' fuq direzzjoni unika, 'l isfel biss. U għaldaqstant ġie ssuġġerit li Triq l-Inglott tiġi bil-kontra. Is-SE se tieħu ħsieb li tinforma lil IM.

15.3.3 Is-SE infurmat li TCTC kienu qed jinsistu li l-Kunsill iħallas €40 għal żewġ parteċipanti li allegatament fl-2019 ħallsu €40 li iżda qatt m'għaddew fil-kont ta' TCTC. Huma kienu kitbu diversi drabi u qatt ma ngħataw risposta lura. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jħallashom.

15.3.4 Is-SE infurmat li l-offerta tas-soft areas kienet ġiet ippubblikata u tagħlaq nhar it-23 ta' Ġunju.

15.3.5 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni mingħand is-Segretarju tal-Banda San Ġużepp fejn talab il-permess biex isiru żewġ attivitajiet għal matul iż-żmien tal-festa nhar it-12

ta’ Lulju u Lejla Maltija nhar it-13 ta’ Lulju it-tnejn li huma f’Misraħ San Ġużepp. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni ladraba IM tikkonferma li tkun bil-lest.

15.3.6 Sadanittant is-SE infurmat ukoll li kellha applikazzjoni għal *unloading bay* quddiem l-għassa minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa. Il-Kunsill qabel li mhux favur din il-miżura għaliex qed ikun hemm xogħlijiet u tibdil regolarment minn IM rigward il-proġett tal-Imsida Creek u għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandna noġġezzjonaw. Ukoll, bħala tulijiet ta’ ħin mitlub huma twal ħafna u jekk il-permess huwa għal *un/loading* xorta waħda ma jistax isir parkeġġ permanenti fuqha u għaldaqstant din il-proposta ma tagħmilx sens. Il-Kunsill qabel iżda li l-kuntrattur għandu jiġi jagħmel il-permessi neċessarji fl-uffiċċju tal-Kunsill minn ġimgħa għal ġimgħa, b’mod speċjali fid-dawl tal-problema akuta ta’ parkeġġ li hemm preżentament madwar il-pjazza u anke għaliex din tinsab f’żona fejn jingħataw permessi relatati mal-festa.

15.3.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius rigward para. 14.3.3, is-SE infurmat li ma kinitx għadha rċeviet risposta dwar l-approvazzjoni tat-*traffic hump*.

15.3.8 Is-Sindku informa li para. 14.3.5 dwar Triq Achille Ferris, ix-xogħlijiet fl-aħħar kienu nbdew u jekk ma jkunx hemm intoppi, sa xahrejn oħra jkun waqa’ kollox u jibda l-bini. Skont informazzjoni li għandu, sal-aħħar tas-sena x-xogħol għandu jkun lest.

15.3.9 Fir-rigward ta’ para 14.3.7, kien hemm qbil li ż-żewġ kotba dwar l-Imsida jiġu uffiċjalment preżentati waqt Jum l-Imsida. Għat-talba tal-Kunsillier Agius biex ngħaddu kopja tal-kotba fuq pendrive, kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu preżentati waqt l-attività u mhux qabel.

15.3.10 Is-Sindku informa li fir-rigward ta’ para. 14.3.21, hu u s-SE kienu ntalbu jattendu għal laqgħa mal-Onorevoli Galdes, fejn dan kien informa li ma setax jaċċetta t-talba tal-Kunsill li jitwaqqa l-bini ta’ Triq il-Wied biex għallanqas temporanjament jintuża bħala parkeġġ u biex ‘il quddiem isir ġnien u parkeġġ. Dan għaliex diġà hemm pjanijiet biex f’din iż-żona jinbnew aktar appartamenti. Huwa kien informa li fil-każ tal-binja l-ġdida, din kien se jinkorpora fiha numru ta’ garaxxijiet.

15.3.11 Is-Sindku informa li kien ġie infurmat li beda jitnaddaf il-ġibjun il-kbir mill-PWD.

15.3.12 Is-Sindku informa li kienet intbagħtet l-email dwar il-berġa iżda s’issa ma kienx hemm risposta.

15.3.13 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg għaliex id-data tal-għeluq tan-nominazzjonijiet kienet ingħalqet daqstant kmieni, is-SE infurmat li din kienet ħadet ħsiebha hi u li kienet pruvat tagħmilha b’mod li jkun hemm żmien adegwat biex tiġi diskussa mill-kumitat tal-għażla u tgħaddi għal-laqgħa tal-Kunsill biex tiġi approvata n-nomina. Hija skużat ruħha jekk qabel kienet xi ħaġa li kien jiddeċiedi l-Kunsill. Sadanittant infurmat li għalkemm ma talbitx l-approvazzjoni tal-Kunsill speċifikament għad-data, wieħed seta’ jaraha fuq l-email li kienet għaddiet lil kull Kunsillier minn qabel ma ntwera l-post fuq facebook.

15.3.14 Il-Kunsillier JC Borg għamel suġġeriment biex jingħata rikonoxximent lis-Sur Robert Farrugia. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil unanimu li flok rikonoxximent huwa jingħata Ġieħ l-Imsida. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din is-sena għandhom jingħataw żewġ merti – wieħed li jkun irrakkomandat mill-Bord tal-Għażla skont in-nominazzjonijiet li ddaħlu u ieħor lis-Sur Farrugia hekk kif maqbul mill-Kunsill.

15.3.15 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar jekk il-Kunsill għandux jirranġa r-regolamenti biex jinkludu lil min m’għadux ħaj, kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu riveduti u jinkludu kundizzjoni li l-midalja setgħet tingħata lil persuna mejta.

15.3.16 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Farrugia, kien hemm qbil unanimu li għandu jingħata rikonoxximent lil Salvu Farrugia li jieħu ħsieb jiftaħ u jagħlaq il-Knisja tal-Kuncizzjoni.

15.3.17 Is-Sindku informa li fir-rigward tad-dekorazzjonijiet tal-Milied, huwa kien ġab kwotazzjoni ta' €5,000 biex tiddawwal iż-żona tal-Iskate Park. Huwa informa li kien għadda kopja tagħha lill-Ministeru tat-Turiżmu biex jikkunsidraw li din iż-żona tiġi inkluża għall-Milied li ġej.

15.3.18 Is-Sindku informa li aktar kmieni dakinhar kienet iddaħħlet l-applikazzjoni hekk kif diskuss waqt l-aħħar laqgħa, għal numru ta' kunċerti, daqq madwar iż-żoni differenti tal-Imsida u kant ta' kanzunetti tal-Milied. Huwa informa li kienet ingħatat attenzjoni speċjali biex numru konsiderevoli ta' entitajiet lokali jkunu inklużi.

15.3.9 L-Imsida Nursery kienet bagħtet talba biex għal darb'oħra tiġi organizzata attività bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil li jintalbu aktar dettalji dwar dak mitlub min-naħa tal-Kunsill. Min-naħa tas-SE, fakkret biex il-Kunsill iżomm f'moħħu li hemm problema bil-finanzi u għaldaqstant hemm bżonn li n-nefqa allokata ma tkunx kbira.

15.3.10 Is-Sindku informa li hu kien kiteb aktar minn darba lill-Ministru Bonett biex jiltaqa' mal-Kunsill biex jiġu diskuss il-proġett tal-Imsida Creek iżda sal-ġurnata ma kienx hemm risposta min-naħa tiegħu. Huwa propona li tintbagħat stqarrija għall-istampa u għaldaqstant qara proposta li ħejja min-naħa tiegħu. Wara huwa ssuġġerixxa li l-laqgħa għandha tiġi sospiża għal 10 minuti sabiex il-membri tal-PL ikunu jistgħu jiddiskutu u jaslu għal deċiżjoni. Il-ħin kien 19:40.

15.3.11 Fit-19:55 l-Kunsill reġa' ltaqa' mal-mejda u tkompliet il-laqgħa.

15.3.12 Il-Kunsillier Chircop, f'isem sħabu, informa li huma kienu qed jaqblu mal-prinċipju tat-talba li saret lill-Ministru iżda li kienu qed jitolbu li jingħata l-possibbiltà sat-Tnejn biex jagħti risposta lura. Kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat email oħra ta' tfakkira lill-Ministru, tassigura li l-Kunsilliera kollha jkunu kkupjati, u tinfurmah li kemm-il darba ma jagħtix risposta sa nofsinhar tal-Ħamis, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill se jmexxi bl-istqarrija pubblika. F'dan il-każ, is-SE kellha tgħaddi kopja tal-istqarrija pubblika biex ikun hemm lok ta' emendi.

## 15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

15.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet min-naħa tal-Kunsilliera.

## 15.5 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

15.5.1 Is-SE infurmat li aktar kmieni dakinhar kellha laqgħa mad-Direttur inkarigata mill-Finanzi fejn din ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien opera b'telf għat-tieni sena konsekuttiva u li din hija sitwazzjoni tassew inkwetanti għad-Dipartiment. Hija infurmat li r-riserva tal-Kunsill hija baxxa immens u għaldaqstant huwa importanti li l-Kunsill ikompli bil-mixja tiegħu li qabad fil-bidu tas-sena li jimxi strettament mal-baġit u ma jagħmel ebda infiq oltre minn dak approvat fil-bidu tas-sena. Jekk il-Kunsill jimxi bil-għaqal, għandu joħroġ minn din is-sitwazzjoni negattiva lejn l-aħħar tas-sena d-dieħla jew il-bidu tal-2027. Fil-preżent il-Kunsill kellu €128,000 *operating cash flow* fin-negattiv u għaldaqstant hemm problema kbira biex jitħallsu l-kredituri.

15.5.2 Is-SE infurmat li hija kienet ħadet l-opportunità biex tfakkar ukoll lid-Direttur fuq it-talba li għamel il-Kunsill biex jingħata Eur15,000 żieda sabiex jonora l-kuntratt ma' Clean Malta wara li dawn kienu infurmaw lill-Kunsill li l-lokalità ma setgħetx titnaddaf bl-allokazzjoni li jingħata l-Kunsill għat-tindif għal sena sħiħa.

15.5.3 Sadanittant, waqt il-laqgħa tal-Kunsill is-Sindku kien irċieva kommunikazzjoni lura dwar il-berġa. Is-Sindku informa li skont l-informazzjoni li ngħatatlu, id-Dipartiment kien qed jistenna li jingħata ċ-ċwievet u hekk kif ikun possibbli, kienu se jitolbu għal-laqgħa mal-kunsill.

15.5.4 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar il-monument ta' San Ġużepp, is-SE infurmat li ma kien hemm ebda risposta lura mingħand il-Periti tal-Kunsill.

15.5.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għar-restawr tal-knisja tal-Kunċizzjoni, is-SE infurmat li ma kienet għadha rċeviet ebda risposta lura.

15.5.6 Is-Sindku informa li s-seduta tat-tribunal dwar l-offerta tad-*driver* tal-vann tal-komunità kienet ġiet posposta min-naħa tal-PCRB.

15.5.7 Il-Kunsillier Chircop informa li l-Kunsill tat-tfal kien qed jorganizza kompetizzjoni għat-tfal iżda minħabba xi diżgwid, kien għad m'hemmx deċiżjoni dwar min rebħha jew x'disinn intagħżel.

15.5.8 Il-Kunsillier Chircop issuġġerixxa li tittella' attività għat-tfal għal Msida Week. Huwa kien qed jantiċipa li l-ispejjeż ikunu madwar l-€1300. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-ammont globali li poġġa fuq il-baġit il-Kunsill ma kienx iwassal biex tinżamm din l-attività minħabba li ma kinitx pjanata. Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jara jekk isibx xi *sponsorship* biex jgħin tittella' din l-attività.

15.5.9 Il-Kunsillier C Borg informa li qabel il-laqgħa tal-Kunsill kien sar l-iffirmar ta' żewġ kuntratti għal *sub-grants* relatati mal-proġett Sublime. Iż-żewġ proġetti mirbuħa kienu dawk tal-Friends of the Earth u tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Kull grupp se jkollu madwar €9,000 biex jorganizzaw numru ta' attivitajiet.

15.5.10 Il-Kunsillier Farrugia staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-kamra ta' Triq l-Irmiġġ. Is-Sindku informa li ma kellux risposta.

15.5.11 Is-SE preżentat kwotazzjonijiet biex jitranġaw il-bozoz ta' mal-faċċata tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-ispiża hija waħda konsiderevoli u għalissa għandha tinqabeż.

15.5.12 Il-Viċi Sindku semmiet li mhux taqbel mal-boroż l-oranġjo li jitħallew fit-toroq wara l-ħin. Ġie spjegat li għalkemm min-naħa tal-Kunsill diġà konna semmejna li ma naqblux ma' din is-sistema, is-CMD kienet qed tiġbor il-maġġorparti ta' dawn il-boroż filgħodu u terġa' flgħaxija. Fil-ġimgħat li ġejjin għandu jibda wkoll servizz ieħor fejn se jkun hemm scammel apposta li jiġbor l-iskart tal-lokalitajiet tal-Imsida u l-biswit.

15.5.13 Il-Kunsillier Agius informa li dwar Jum l-Imsida, għadna għaddejjin bil-preparamenti. Huwa informa li din id-darba l-attività se tinżamm fl-Iskola Primarja.

## 15.6 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv fuq Sena Bażi 2024

15.6.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport amministrattiv li se jinqara waqt il-laqgħa pubblika. Ir-rapport ġie approvat.

15.6.2 Hawnhekk irrakkomandat lill-Kunsill biex tiġi deċiża data għal-laqgħa pubblika. Kien hemm qbil li ssir qabel il-laqgħa tal-Kunsill minflok il-laqgħa mal-Liaison Officer.

15.6.3 Bħala ġurnata ntagħżlet dik tal-24 ta' Ġunju fil-5:00pm.

## 15.7 Approvazzjoni tar-Risposta għall-Management Letter fuq bażi 2024

15.7.1 Is-SE infurmat li kienet iċċirkolat kopja tar-risposta għall-*Management Letter* li ntbagħtet mill-awditur.

15.7.2 Il-Kunsill approva r-risposta u din ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 15.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

15.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-15), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Farrugia propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 15.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

15.9.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:20pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2025 fil-5:30pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Ryan informa li IM kienu ġibdu l-attenzjoni li ma jixtiequx li jkun hawn barkun għall-ġostra.

Hawnhekk daħlet il-Viċi Sindku. Il-ħin kien il-17:08.

Ryan qal li l-ġostra se ssir fuq in-naħa tal-baħar probabbilment fuq in-naħa tal-Junior College jekk ma jkunx għadu tlesta n-naħa tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li l-importanti li tal-ġostra infurmati u approvaw il-post.

Il-Kunsillier Farrugia ssuġġerixxa li kull laqgħa Ryan għandu jieħu l-minuti u dawn għandhom jintbagħtu lill-uffiċċju tal-Kunsill biex is-SE tiċċirkulahom mal-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel.

Fuq l-armar miexi x-xogħol iżda l-Kunsillier JC Borg informa li t-toqob għadhom ma sarux.  Ryan qal li ltaqgħu u mmarkawhom imma se jitkellem mal-Perit.

Ryan informa li fil-laqgħa li jmiss, se jiġi diskuss it-tower light għall-iscaffolding.

Dwar il-laqgħa rigward il-festa u t-traffiku, ma jridux li ssir online u għaldaqstant issuġġerew li s-SE għandha tibgħat email biex tinbidel id-data. Ryan ġie mitlub biex jinfurmahom jibgħatu huma bil-miktub huma u jissuġġerixxu data ġdida.

Ryan informa li hemm ftehim li ssir laqgħa oħra nhar is-16 ta' Ġunju. Il-Kunsillier JC Borg informa li mil-lum sal-festa għandhom jibdew jinqabżu l-Erbgħat. Ryan kien se jieħu ħsieb li jinfurmahom.

Dwar id-dawl tal-passaġġ il-Kunsillier Farrugia semma' messaġġ li għadda lil Ryan fuq iċ-chat kif ukoll il-messaġġ li tella' fuq is-social media. Is-Sindku qal li wara dan il-messaġġ kien ċempillu perit responsabbli u tah in-numru tat-telefon tiegħu personali biex meta jkun hemm diffikultà nkellmu lilu direttament.

Inġibdet l-attenzjoni li qed ikun hawn ħafna affarjiet li mhux isiru kif suppost, eżempju vetturi għaddejjin wrong side mill-main road u ħaddiema jwaqqfu t-traffiku minflok Enforcement officers.

Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg irrimarka li qed neħlu fuq affarijiet żgħar li jistgħu jitranġaw mingħajr problemi u bla dewmien bla bżonn.

Is-SE talbet lil Ryan jiċċekkja biex jgħaddilha l-isem tal-persuna minn TM li qed iwaqqaf ix-xogħlijiet ta' Antonio Bosio u Msida Circus.

Il-Kunsillier Farrugia informa li kienu nqalgħu numru ta' siġar. Huwa qal li mhux sewwa li l-Kunsill ma jkunx mgħarraf b'dawn it-tip ta' xogħlijiet minn qabel u ġieli jsir jaf bihom mingħand ir-residenti.

Is-SE qablet ma' dan u infurmat li eżempju fil-każ tal-għeluq ta' Triq Clarence, l-amministrazzjoni saret taf mingħand ir-residenti meta bdew iċemplu biex javżaw li t-triq qed titħaffer. Hija qalet li f'każijiet simili l-Kunsill għandu jkun mgħarraf minn qabel biex ikun jaf x'jirrispondi lir-residenti u possibbilment jittella' avviż fuq facebook.

Ryan informa li l-ħajt ta' Triq AM Vassalli se jsir shifting għan-naħa l-oħra minħabba li n-naħa tax-Xmiexi huwa bil-lest. Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg informa li minn fuq il-bridge wieħed jista' jidhol fil-proprjetà tan-nies. Kien hemm qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' IM.

Ryan informa li kienet intbagħatet kommunikazzjoni dwar il-ftuħ ta' Triq is-Sarġ. Is-SE infurmatu li din il-materja kienet se tiġi diskussa aktar tard.

Ryan staqsa dwar il-monument ta' San Ġużepp. Is-SE infurmat li għadha qed tistenna mingħand il-periti.

Inġibdet l-attenzjoni li d-dawl tal-monument qiegħed mixgħul avolja qiegħed wara l-barriers l-għoljin u għaldaqstant qed jitħallas u jinħela l-elettriku fil-vojt. Fuq talba tal-Kunsillier JC Borg kien hemm qbil li dan għandu jibqa' mixgħul sal-festa.

Dwar il-crane ta' quddiem l-AVIS, Ryan informa li IM kienu talbu biex il-permess ma jiġġeddidx u li għandu jiġi avżat minn issa li jrid jitneħħa wara li jispiċċa l-permess.

Il-Kunsillier JC issuġġerixxa li għandu jinstab parkeġġ temporanju għal żmien il-festa. Hawnhekk il-Kunsillier Agius issuġġerixxa li IM għandha tkellem lill-amministrazzjoni tal-Junior College filwaqt li l-Kunsillier Chircop issuġġerixxa li naraw ħdejn il-monument. Ryan informa li madwar il-monument żgur li mhux possibbli. Il-Kunsillier Agius informa li l-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd tal-festa l-parkegg tal-knisja qed jitħalla miftuħ.

Il-Kunsillier JC Borg sostna li hemm bżonn li jsir riklam li l-festa se ssir għaliex hawn min qed jaħseb li se tinqabeż minħabba x-xogħol tal-proġett. Kien hemm qbil li Ryan għandu jitlob lil IM joħorġu stqarrija.

Il-Kunsillier Agius ġibed l-attenzjoni li mill-passaġġ ta' faċċata ta' Gregory's, m'hemmx wisa' biżżejjed biex jgħaddi *wheel chair*.

Is-SE ġibdet l-attenzjoni lil Ryan li skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tiegħu, huwa suppost li qed ikun preżenti kuljum l-Imsida u l-uffiċċju għal 4 sigħat kuljum. Hija qalet li huwa rari jiġi l-uffiċċju tal-Kunsill u għaldaqstant qed jikser it-termini tat-tender. Hawnhekk Ryan informa li hu ma jistax jidħol jara l-proġett fuq ġewwa u għaldaqstant jista' biss idur mad-dawra tal-Imsida bħalma jagħmel kull membru tal-Kunsill.. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li importanti li jkun fuq il-post kuljum. Huwa ssuġġerixxa li jekk is-SE ma tkunx tista' tiltaqa' miegħu, huwa għandu jagħmel appuntament mal-Kunsillier responsabbli u ssir laqgħa fuq il-post miegħu.

Is-SE infurmat li kienet bagħtet email biex tara jekk l-istrutturi tal-playing field u l-pjanta kienux iffinalizzati. Talbitu jiċċekja ma' IM.

Dwar il-pjazzetta, il-Kunsillier Chircop staqsa x'se jkun hemm u jekk jistgħux IM jgħaddu kopja tal-pjanta minħabba l-attivitajiet. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa fuq il-post.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:10pm.

*****